DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 172898** **15.12.2017**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Ftuħ uffiċjali tal-wirja tal-arti b'risq id-Dar tal-Providenza***

L-Ispeaker Anġlu Farrugia inawgura wirja tal-arti b'risq id-Dar tal-Providenza.

Fid-diskors tiegħu, l-Ispeaker sellem il-memorja ta' Monsinjur Mikiel Azzopardi li fl-1965 waqqaf id-Dar tal-Providenza. Permezz ta' ħidmietu, Monsinjur Azzopardi nissel fil-Maltin u Għawdxin imħabba lejn il-persuni b'diżabbiltà u l-morda. Huwa fisser il-ġenerożità tal-artisti Maltin, Għawdxin u oħrajn li taw opri tal-arti b'risq id-Dar tal-Providenza, bħala xhieda ħajja ta' kemm l-ispirtu u l-valur tas-solidarjetà soċjali huwa ħaj fil-qalb tal-Maltin u l-Għawdxin, u barranin ħbieb il-poplu Malti.

Il-pubbliku jista' jżur din il-wirja tal-arti fl-intrata tal-Parlament ta' Malta sal-Ħamis, 28 ta' Diċembru 2017—matul il-ġimgħa, bejn id-9.00 ta' filgħodu u l-5.00 ta' waranofsinhar, u s-Sibtijiet u l-Ħdud, bejn id-9.00 ta' filgħodu u nofsinhar.

**Attachments: photos** **Page: 1 of 1**

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt